**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA’ LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 71/07**

L-Erbgħa 23 TA’ AWWISSU 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻATA* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

71.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
71.5 Rapporti;
71.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 57/07;
71.7 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Sotto Kumitati;
71.9 Mozzjonijiet;
71.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 71.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand il-Kunsillieri Doris Vella fejn talbet tkun skużata mingħajr ebda raġuni u mingħand Luke Genuis minħabba it-twelid ta' wield ġdid. Iż-żewġ apoloġiji ġew approvati mill-Kunsill pero s-Sindku ġibed l-attenzjoni li kull ittra ta' apoloġija trid tkun akkumpanjata minn raġuni valida sabiex tibqa tiġi approvata. Il-Kunsill qabel unanimament.

**ii.** Hawnhekk il-Kunsill feraħ lill-Kunsillier Luke Genuis għat-twelid tal-wield ġdid tiegħu.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 70/2017 tal-26 ta' Lulju 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, l-Avukat tal-Kunsill ikkuntattjana u qalilna li s-Sur Vella ried jerġa jiltaqa' magħna. Is-Sindku spjega li konna erġajna tkellimna mal-avukat u għidnilu li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet ittieħdet.

**i.i** B'żieda ma' dan is-Sindku qal li kien ċempillu personali s-Sur Jimmy Vella u talbu biex jiltaqa' miegħu one to one. Is-Sindku qal li kien qallu li dan ma kienx ser jagħmlu u li l-avukat tagħna kien ċar li m'għandiex għalfejn niltaqgħu għaliex diġa fil-passat konna ltqajna miegħu kemm il-darba u dawn il-laqgħat ma kienu wasslu għal xejn. Żied li l-ammonti dovuti huma dawk skont il-workings tal-Accountant tal-Kunsill u l-Kunsill kien qabel li ser jżomm magħhom.

**i.ii** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament li kellna nieħdu ruling mingħand l-avukat jekk nibdewx inħallsu jew le.

Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

**ii.** Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku qal li mingħand l-iSpettur baqa' ma sama' xejn.

**ii.i** Sadanittant il-Kunsill unanimament baqa' ta' l-istess fehma li ma kenitx vijabbli li tinfetaħ kawża oħra ċivili biex jiġu rkuprati l-flus.

Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

**iii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

Compliance Certificate

**iii.ii** Hawnhekk is-Sindku qal li kien avviċinah xi ħadd u kien qallu li hu kien kellu jġibilhom l-approvazzjoni mingħand it-TM sabiex huma bħala Tarxien Rainbows kienu setgħu japplikaw għall-Compliance Certificate imma dan hu qatt ma kien għamlu. Is-Sindku qal li kien wieġbu li kien kważi sena ilu li kien ta l-ittra tal-Approvazzjoni maħruġa mit-TM lis-Segretarju ta' Tarxien Rainbows FC u li dan suppost li kien għaddieha lil-President is-Sur Tony Cassar. Infatti żied jgħid is-Sindku li reġa' għamel 6 kopji tad-dokument u kien għaddihomlu biex iqassamhom speċjalment lil min kien għadu fid-dubju.

Art bit-turf

**iii.iii** Qal ukoll is-Sindku li kienu talbuh biex jaraw setax jgħin sabiex il-biċċa art tal-genb fejn jilgħabu t-tfal jagħmlulha t-turf. Is-Sindku qal li kien qed jaħdem fuqha.

Tender toroq

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li issa li kien beda l-asfaltar tat-toroq Triq Annetto Caruana minn fejn id-daħla taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ u k/m Triq Santa Marija sa quddiem il-Kunsill Lokali xorta waħda kien qed ikollu l-kritika għaliex kien hemm min kien qed jgħid li kien telaq kollox. Is-

Sindku qal li kien weġibhom li d-dewmien kien dovut għaliex il-WSC kienu talbu li jinbidlu l-mains.

**iv.i** Is-Sindku żied jgħid li kien qed ikollna problemi kbar mal-WSC anke fuq ħsarat u saħansitra riċentement minħabba xi ħsarat kellu anke jċempel liċ-Chairman. WSC

**iv.i.i** Il-Kunsillier Frans Agius irraporta li qudiiem id-dar Nru. 96 Triq Paola kien ilu ħiereġ l-ilma wkoll xi ħmistax tlett ġimgħat. Is-Sindku wieġbu li fir-rigward ta' Triq Paola kien qed jitlob lill-WSC jibdlu l-main.

**iv.ii** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq u li kienet diġa ġiet mressqa lill-membri tar-Reġjun u kull lokalita' membru kellha tressaq il-proposti tagħha, kienet tinsab wieqfa għalissa. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. Inċident monument – Avukat UNTOURS

**vi.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, u li s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhrilhom xierqa, u wisq anqas ma kienu għadhom weġbuna, huwa seħaq li kienet importanti li tittieħed azzjoni għaliex kienet qed tiggrava sitwazzjoni. Triq B'Bugia

**vii.i** Saret diskussjoni u ġie deċiż li tibqa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

**viii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**viii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħa preċedenti. Bus Shelter Triq Palma

**ix.i** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tal-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, għalkemm kien qed jintbgħat *reminder* lit-TM dawn min-naħa tagħhom baqgħu qatt ma weġbuna lura. Għaldaqstant żied jgħid is-Sindku li kien qed jissuġġerixxi li naraw x'possibilitajiet jeżistu biex dawn it-toroq isiru bil-kuntratt attwali u ġdid tar-resurfacing tat-toroq. Żied jgħid is-Sindku li biex tissolva l-problema kien qed jissuġġerixxi li l-WSC jibdel il-main. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**ix.i.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-każ sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, jiżdiedu u minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, u li hu kien oġġezzjona fuqha, jidher li kienet ġiet issetiljata. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**x.i** Is-Sindku Paul Farrugia żied jispjega li pero kien inqala intopp ieħor għaliex minn fuq xi ħadd kien qed jibgħat il-wardens biex min kien qed jipparkja fid-daħla tal-garaxx tiegħu u jaqbad bankina kellu jiġi mħarrek. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li ma kienx ġust li l-Kunsill ma kienx qed isib koperazzjoni mill-Awtorita' li tirregola l-wardens.

**xi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, kien kellem lill-ħaddiema li jekk ikunu għaddejjin minn xi triq u jaraw xi imbarazz mormi barra kellhom jieqfu u jiġbruh. Qal is-Sindku li dan ma kienx sar u għaldaqstant kien reġa bgħat għall-ħaddiema u kien hu li kien qed imur magħhom ta' kuljum idur fir-raħal. Żied jispjega s- Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

Sindku li l-akbar problema fuq rimi barra kienet minn blokka ġdida fi triq Dun Karm Sant. Qal li f'dan il-każ kien ġie ikkuntattjat il-persuna responsabbli mill-condominium.

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira fi Ġnien Veliko Turnovo kien tlesta, kien ser jerġa jkellem lis-Sur Denis Calleja biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xii.i** Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

**xiii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-istima mingħand il-kuntrattur li għandu t-tender għas-Servizz ta' Accountant dwar xogħol extra relatat mad-Direttiva 1/2017 mibgħuta mid-DLG kienet waslet u kienet tleħħaq għal madwar €3000. Tender għas-Servizz tal-Accountant

**xiii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qablu li tintlaqa' tali kwotazzjoni mingħand dan il-kuntrattur għal dan ix-xogħol extra.

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-korrispondenza bejn il-Kummissjoni Elettorali, il-Kunsill Lokali Fgura u residenta fi blokka ta' appartamenti ġodda "The Willows" fi Triq San Mikiel il-Fgura u dan il-Kunsill Lokali, fejn il-Kumm. Elettorali u l-Kunsill Lokali Fgura qed jallokaw din il-binja ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien , huwa qal li kien ser ikun qed joġġezzjona li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ma kienx ser jaċċetta li din il-blokka taqa' fil-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xiv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms konna għadna qed nistennew id-Disclaimer min-naħa tagħhom. Talba użu tal-ground

**xvi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li r-rapport dwar pv system taħt il-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* kien intbgħat. PV System – Proġett ERDF213

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Frans Agius kien ġab xi kwotazzjoni għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien. Sadanittant il-Kunsill qabel li nerġgħu niċċekkjaw mal-ewwel kuntrattur minħabba t-tip ta' materjal. Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xviii.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**Il-Kunsillier Keith Darmanin irtira fis-7.30pm**

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ċemplu minn Bank lokali fejn staqsewh jekk bħala Kunsill konniex ser inkomplu bir-rikjesta li nisselfu miljun ewro. Hawnhekk is-Sindku P. Farrugia staqsa lill-kunsillieri preżenti jekk kienux jafu b'xi ħaġa. Il-Kunsillieri preżenti kollha qalu li ma kienu jafu b'xejn. Is-Sindku kkonferma li kien qal lill-Bank biex iwaqqfu kollox. Miljun Ewro – Xi talba passata għal self

**xx.** Is-Sindku qal li bħalissa bħala AKL minn meta nbidlet il-presidenza kienu qed jaħdmu fuq temi diversi. Qal li hu għandu taħt ir-responsabbilta tiegħu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali. Grupp ieħor kien qed jieħu ħsieb l-ambjent fejn kienu qed jiddiskutu li l-ġbir tal-iskart domestiku jiġi reġjonali. Filwaqt li xi ħadd ieħor kien qed jieħu ħsieb il-green wardens. Żied jgħid li jidher li l-Gvern irid issaħħahom r-Reġjuni. AKL

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand il-Kazin PL ta' Ħal Tarixen sabiex jitolbu li tittella' attivita fi Ġnien Veliko Turnovo nhar is-7 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita'. Attivita' Każin PL

**xxii.** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar l-Iskema ta' xiri ta' kotba għal-librerija skond iċ-Ċirkolari 22/2017 mibgħuta mid-DLG. Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li għalissa l-Kunsill ma kellux jissieħeb sakemm dan il-każ jiġi diskuss fl-AKL. Il-Kunsill qabel unanimament. Skema – Xiri ta' Kotba għal-Librerija

**xxiii.** Għal sena oħra l-Kunsill ġie mitlub sabiex joffri s-servizz tal-vaċċin kontra l-influwenza. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia offra li jerġa għal darb'oħra jieħu ħsiebhom. Is-Sindku talbu biex Vaċċin kontra l-Influwenza

jekk ser jerġa jidħol għal dan l-inkarigu jara li ma jerġawx jinqalgħu problemi bħas-sena preċedenti.

**xxiv.** Is-Sindku qal li kien hemm diversi talbiet għal rimbors minħabba ħsarat fuq tyres tal-karozzi. Saret diskussjoni mill-Kunsill u unanimament ġie maqbul li t-talbiet li kien hemm għall-ħsarat li saru fi Triq Sta Marija kienu validi u għaldastant kellhom jiġu rimborsati. Kienu ħamsa t-talbiet li daħlu għal din it-triq. Tyre Claims

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xxvi.** Is-Sindku qal li kienet waslet talba sabiex issir sleeping police fi Triq l-Iskola ma' Triq l-Annunzjata. Saret diskussjoni mill-Kunsill u ġie maqbul li tintbgħat talba uffiċjali lit-TM.

**xxvii.** Il-Kunsill iddiskuta t-traffic management fl-area tat-Toroq Stu Wistin u l-Iskola. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssugerixxa li nistennew li x-xogħol fil-Pjazza ta' Paola jkun terminat biex naraw l-impatt tat-traffiku. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal ukoll li Triq it-Tarzna sa Ġnien Joanne kellha tiġi kollha direzzjoni waħda. Wara, fil-każ il-Kunsill jara dawk eżistenti kienux tajbin kif inhuma. Traffic Management l-Area Tri qStu Wistin

**xxviii.** Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li Triq Dun Gwann Mamo tiġi one way u tidħol lejn Triq San Franġisk. Saret diskussjoni mill-Kunsill u ġie deċiż li tintbgħat talba lit-TM. Triq Dun Gwann Mamo – One Way

**xxix.** Is-Sindku qal li wħud mill-ħwienet kienu qed joħolqu problemi minħabba l-parking peress li kienu qed joħorġu l-imwejjed barra fuq parking bays u dan mingħajr permess. Is-Sindku żied jgħid li dan kien qed joħloq periklu kemm ħabba t-traffiku kif ukoll minħabba s-saħħa. Qal li għandu nformazzjoni li f'xi postijiet fir-raħal intalbu sabiex tittieħed parti mit-triq u ssir pjattaforma biex jitpoġġew l-imwejjed. Qal li dwar dan kien diġa ressaq l-oġġezzjoni u għamel rapport mal-Awtoritajiet ikkonċernati. Għaldaqstant hu fuq il-kuxjenza ma kellu xejn f'każ li Alla ħares qatt kellu jinqala' xi ħaġa. Mwejjed bla permess fil-parking bays

## 71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i** Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa lill-Kunsill jaqblux li l-Kunsill japplika għall-iskema biex fir-raħal isiru bicycle racks li l-ispiża kollha biex isiru tkun assorbita mill-Ministeru tal-Finanzi. Huwa żied jgħid li jekk il-Kunsill jaqbel kien qed jissuġġerixxi li dawn isiru fi Triq Tempji Neolitiċi quddiem l-istess Tempji Neolitiċi. Saret diskussjoni mill-Kunsill u unanimanet qablu li napplikaw għal din l-iskema filwaqt li awtorizzaw lill-Kunsillier Dalli sabiex jieħu ħsieb japplika u jmexxi skond il-bżonn. Bicycle Racks

**ii.** Il-Kunsillier Ismael Dalli talab sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-European Week For Waste Reduction. Issuġġerixxa li hu jikkunattja kumpanija fejn dawn mill-palettes użati jagħmlu għamara. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u awtorizza lill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex jieħu ħsieb japplika u jmexxi skond il-bżonn f'dan ir-rigward. European Week For Waste Reduction

**iii.** Is-Sur Agius talab sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji. Il-Kunsill qabel li tintbgħat din l-ittra. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**iv.** Is-Sur Agius talab sabiex Triq Sorijiet ma' Triq Sta. Tereza tinbidel bankina u kurduna għaliex sfrundat. Is-Sindku qiegħbu li kien ser imu jara x'hemm bżonn isir ħalli fil-kaz isir ix-xogħol meħtieġ minnufih. Triq Sorijiet ma' Triq Sta. Tereza tinbidel bankina u kurduna għaliex sfrundat

## 71.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

## 71.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 57/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**71.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Rapport mill-Kunsillier Frans Agius

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-Attivita' tat-tberik tal-annimali kien ser jipprepara kollox u jgħaddi d-dettalji lis-Seg. Eżekuttiv.

**71.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**71.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-9:00pm.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm.

(Iffirmat) (Iffirmat)

_________________________ ____________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**